MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2011

Numru. 417/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Arthur Mercieca**

**vs**

**Emanuel Galea**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Emanuel Galea bin Joseph u Pauline Tabone, imwieled Pieta’ fit-2 ta’ Dicembru 1954 u residenti 38, Helena, Triq il-Falkunier, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita’ numru 6455(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’dawn il-Gzejjer fil-14 ta’ Jannar 2009 ghal habta ta’ 16.45hrs fi Triq il-Falkunier, Zejtun minghajr il-hsieb li

joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’ periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Rita Scicluna skond kif iccertifika Dr. Camilleri MD reg 2242 mill-isptar Mater Dei.
Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 5 ta’ Frar 2010 (esebita a fol. 51 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikolu 218 (1)(a), (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li waqt l-udjenza tat-18 ta’ Frar 2010, l-imputat ddikjara li hu m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali magmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw ncident li nqala’ bejn zewg familji li jghixu hdejn xulxin fi Triq il-Falkunier, iz-Zejtun. Mill-provi rrizulta li fl-14 ta’ Jannar 2009 ghall-habta tal-4.45pm kien dahal rapport fl-Ghassa taz-Zejtun mill-imputat Emanuel Galea u minn uliedu Daphne u Adrian Galea fejn dawn qalu li waqt li Adrian Galea kien qieghed fuq il-bejt tad-dar taghhom lemah lil gar Charles Scicluna ghaddej b’barmil f’idejh li kien qed ihabbat mal-vettura tal-imputat. Adrian Galea nizel fit-triq sabiex ikellem lil Scicluna dwar dan il-fatt u spiccat sabiex inqalghet glieda bejn il-familja Galea min-naha l-wahda u l-familja Scicluna min-naha l-ohra u fejn Rita Scicluna, mart Charles Scicluna, sofriet griehi ta’ natura gravi [1] u Daphne Galea sofriet griehi ta’ natura hafifa [2]. Il-Qorti tinsab rinfaccjata b’zewg verzjonijiet tal-fatti djametrikalment opposti, min-naha l-wahda hemm il-

[1] Ara certifikat mediku nserit a fol. 4 tal-atti processwali u x-xhieda ta’ Dr. Moses Camilleri, t-tabib li rrilaxxja dan ic-certifikat, a fol. 44 u 45.
[2] Ara certifikat mediku nserit a fol. 58 tal-process.

verzjoni tal-fatti moghtija mill-allegata vittma Rita Scicluna[3] u minn zewgha Charles Scicluna[4] kif ukoll minn binhom Christian Scicluna[5] li qalu li Charles Scicluna kien qed jahsel il-minibus tieghu fit-triq u bi zball laqat il-bumper tal-vettura tal-imputat u li Adrian Galea, iben l-imputat rah u nizel sabiex jikkonfrontah u nqalet glieda bejn Adrian u Emanuel Galea min-naha l-wahda u Charles Scicluna min-naha l-ohra. Il-familja Scicluna jsostnu li Rita u Christian hargu ghaliex semghu l-ghajjat u li Rita Scicluna marret sabiex tferraq lil Emanuel u Adrian Galea minn ma' zewgha u li l-imputat ghal xi raguni dahal fil-vettura tieghu u meta rega' hareg imbotta lil Rita Scicluna li waqghet fuq il-bankina u wegghat rkoptha. Christian Scicluna jaccetta li huwa laqat lil Daphne Galea f'wiccha izda ommu u missieru jghidu li ma rawhx jolqotha. Min-naha l-ohra l-familja Galea[6] jsostnu li meta Adrian u Emanuel Galea marru jghidu lil Charles Scicluna sabiex darb'ohra joqghod attent u ma jergax jolqot il-vettura taghhom dan infexx jidghi u jghid kliem oxxenn u fil-pront hargu martu Rita Scicluna u ibnu u Christian Scicluna mar jigri u ta daqqa ta' ponn fuq il-bonnet tal-vettura tal-imputat u imbaghad mar ixejjer daqqa ta' ponn lill-istess imputat izda meta dan tal-ahhar ressaq rasu Christian Scicluna spicca sabiex laqat lil Daphne Galea. Il-familja Galea jsostnu li Rita Scicluna waqghet meta hija marret tipprova zzomm lil binha Chrsitian Scicluna u tfixklet u waqghet.

Ikkunsidrat:

Illi filwaqt li huwa minnu li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghall-liberatorja tal-imputat, fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li l-kunflitt fil-provi huwa tali li ma jistghax jitqies li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Dan jinghad ghaliex il-Qorti jidrilha li l-imputat permezz tax-xhieda ta' Stephen

---

[3] Li xehdet waqt l-udjenza tas-16 ta' Ottubru 2009.
[4] Li xehed waqt l-udjenza tat-8 ta Jannar 2010.
[5] Li wkoll xehed waqt l-udjenza tat-8 ta' Jannar 2010..
[6] L-imputat xehed fl-udjenza tat-18 ta' Frar 2010, Adrian Galea xehed fis-27 ta Novembru 2009 u anki Daphne Galea xehdet fl-imsemmija data u regghet xehdet fit-18 ta' Frar 2010.

Sciberras[7] li huwa xhud ghal kollox indipendenti u li nzerta ra dak li sehh ghaliex kien qed isewwi air conditioning unit fid-dar tal-imputat kkorobora l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-familja Galea, l-imputat ghalhekk rnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li Rita Scicluna wegghat ghaliex tfixklet meta marret sabiex izzomm lil binha u mhux ghaliex giet imbuttatha mill-imputat meta dan hareg mill-vettura tieghu. Il-Qorti jidrilha inoltre li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-familja Galea hija aktar kredibbli u dan jinghad ghaliex gew riskontrati certu inkonsistenzi f'dak li qalu l-membri tal-familja Scicluna fejn Rita u Charles Scicluna min-naha l-wahda jghidu li binhom ma kienx laqat lil Daphne Galea filwaqt li Christian Scicluna min-naha l-ohra jaccetta li huwa kien laqat lill-imsemmija Daphne Galea. Il-Qorti inoltre jidrilha li ma kien hemm ebda raguni l-ghala l-imputat kellu jidhol u johrog mill-vettura tieghu waqt li kienet ghaddejja l-glieda kif qed isostnu li ghamel il-familja Scicluna.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[7] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 59 u 60 tal-atti processwali.